

Il-Kodiċi tal-Istatuti tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport



L-AĠENZIJA
ŻVEDIŻA TAT-
TRASPORT

Id-dispożizzjonijiet tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport li jemendaw ir-Regolamenti tal-Amministrazzjoni Żvediża tat-Toroq (VVFS 2003:19) dwar karożżi konvertiti fi tratturi u karożżi konvertiti f'tagħmir motorizzati tal-klassi II;

TSFS 2023:63

Ippubblikati
fi 23 Novembru 2023

TRAFFIKU FIT-TOROQ

adottati fi 17 november 2023

Bis-saħħa tal-Kapitolu 4, l-Artikolu 18a tal-Ordinanza dwar it-Traffiku fit-Toroq (1996:1278) u l-Kapitolu 8, l-Artikolu 16 tal-Ordinanza dwar il-Vetturi (2009:211) fir-rigward tar-Regolamenti tal-Amministrazzjoni Żvediża tat-Toroq (VVFS 2003:19) dwar karożżi konvertiti fi tratturi u karożżi konvertiti f'tagħmir motorizzati tal-klassi II, l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport tordna¹

li l-intestatura tal-Istatut u l-Kapitolu 3, Artikolu 1, u-Kapitolu 4, l-Artikoli 18, 19, u 25 għandhom jaqraw kif ġej;

li għandhom jiddaħħlu sitt paragrafi ġodda – Kapitolu 3, Artikolu 2, u Kapitolu 4, Artikolu 24a–e li għandhom jaqraw kif ġej;

u li għandha tiġi adottata l-gwida ġenerali li ġejja.

Ir-Regolamenti tal-Amministrazzjoni Żvediża tat-Toroq u l-gwida ġenerali dwar il-karożżi konvertiti fi tratturi u karożżi konvertiti f'tagħmir motorizzati tal-klassi II

Kapitolu 3

Artikolu 1 Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

– Regolament 1 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ baxx asimetriku u/jew raġġ tas-sewqan u mgħammra b'bozoz bil-filament tal-kategoriji R2 u/jew HS1,

¹ Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

– Regolament 3 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tagħmir retro-riflettiv għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom,

– Regolament 4 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta' apparati għat-tidwil tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara tal-vetturi bil-mutur (minbarra l-muturi) u l-karrijiet tagħhom,

– Regolament 5 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-fanali ta' quddiem b'“raġġ issiġillat” (SB) ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ baxx asimetriku jew raġġ tas-sewqan Ewropew jew it-tnejn,

– Regolament 6 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' indikaturi tad-direzzjoni għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom,

– Regolament 7 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tad-dwal (tal-ġenb) ta' quddiem u ta' wara, id-dwal tal-waqfien u d-dwal li jimmarkaw it-tarf u d-dawra għall-vetturi bil-mutur (minbarra l-muturi) u l-karrijiet tagħhom,

– Regolament 8 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ baxx asimetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn u mgħammra bi dwal bil-filament tal-aloġenu (H1, H2, H3, HB3, HB4, H7, H8, H9, HIR1, HIR2 u/jew H11),

– Regolament 19 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tad-dwal taċ-ċpar ta' vetturi bil-mutur,

– Regolament 20 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ baxx asimetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn u mgħammra bi dwal bil-filament tal-aloġenu (dwal H4),

– Regolament 27 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' twissija bil-quddiem,

– Regolament 30 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers pnevmatiċi għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom,

– Regolament 31 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-fanali ta' quddiem ta' vettura bil-mutur ta' unità b'raġġ issiġillat (unità HSB) li jitfgħu raġġ baxx asimetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn,

– Regolament 37 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' bozoz bil-filament għall-użu f'unitajiet approvati ta' vetturi bil-magna u tal-karrijiet tagħhom,

– Regolament 38 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tad-dwal taċ-ċpar ta' wara għal vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom,

- Regolament 54 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' tajers pnevmatiċi għal vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom,
- Regolament 65 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' dwal ta' twissija speċjali għall-vetturi bil-mutur,
- Regolament 69 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-pjanċi tal-immakar fuq wara għal vetturi li jimxu bil-mod (minħabba l-kostruzzjoni tagħhom) u l-karrijiet tagħhom,
- Regolament 91 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' dwal li jimmarkaw il-ġnub għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom,
- Regolament 108 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni għall-produzzjoni ta' tajers pnevmatiċi b'wiċċ ġdid għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom,
- Regolament 109 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni għall-produzzjoni ta' tajers pnevmatiċi b'wiċċ ġdid għal vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom,
- Regolament 112 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ baxx asimetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn u mgħammra b'bozoz bil-filament,
- Regolament 113 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jitfgħu raġġ simetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn u mgħammra b'bozoz bil-filament,
- Regolament 117 tal-KEE: Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tajers fir-rigward tal-emissjoni ta' ħoss ta' rrolljar, u
- GTR 16: Addendum 16; Regolament tekniku globali Nru 16, Regolament tekniku globali dwar it-tajers.

Artikolu 2 Ir-Regolamenti tal-KEE msemmija fl-Artikolu 1 huma adottati mill-Unjoni Ewropea u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Kapitolu 4

Artikolu 18 Trattur-A għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikoli 19–25 fir-rigward tat-tajers tas-silġ.

Artikolu 19 Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Kapitolu 4, Artikolu 18a, l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Ordinanza dwar it-Traffiku fit-Toroq (1998:1276), it-tajers tas-silġ użati fuq it-trattur A għandhom ikunu

1. immarkati bis-simbolu tal-qċaċet tal-alpini/farka borra (3PMSF) f'konformità mar-Regolament 117 tal-KEE;
2. immarkati b'POR (Professional Off Road) f'konformità mar-Regolament 54 tal-KEE; jew

3. tajers bl-istuds li, skont il-manifattur tat-tajers, huma maħsuba għal studding u użu fuq karozzi tal-passiġġieri jew vetturi kummerċjali hġief, dment ma jkunux intużaw studs vojta minn ġewwa.

Tajers tas-silġ mmuntati fuq fusien għajr fusien motorizzati u fusien ta' quddiem ta' trattur A b'piż totali li jaqbeż it-3,500 kg jistgħu minflok jiġu mmarkati b'M+S, M.S, M & S, M-S, MS, jew "Tajn u Borra" f'konformità mar-Regolamenti KEE 30, 54, 108, u 109 u l-GTR 16.

Linji gwida ġenerali

Trattur A li jkollu apparat xieraq kontra ż-żliq, bħal ktajjen tas-silġ jew taġġmir li jferrex ir-ramel, għandu jitqies li huwa mgħammar b'tali taġġmir ekwivalenti msemmi fil-Kapitolu 4, Artikolu 18a, l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Ordinanza dwar it-Traffiku fit-Toroq (1998:1276).

L-uċuħ tat-toroq xitwin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jipprevalu meta jkun hemm il-borra, is-silġ, munzelli tal-borra jew ġlata fuq kwalunkwe parti tat-triq.

Artikolu 24a Meta jivvjaġġaw bit-triq matul il-perjodu mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Marzu, il-fond li jifdal tad-disinn prinċipali tal-wiċċ ma jistax ikun inqas minn

1. 3 mm fin-nofs 75 % tal-wisa' tal-wiċċ fuq trattur A b'piż totali ta' mhux aktar minn 3,500 kg, u

2. 5 mm fin-nofs 75 % tal-wisa' tal-wiċċ tat-trattur A b'piż totali ta' aktar minn 3,500 kg.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax għall-użu temporanju ta' roti żejda wara li tajer ikun ġarrab ħsara.

Artikolu 24b In-numru ta' studs f'tajers bl-istuds fuq trattur A ma għandux ivarja b'aktar minn 25 % mit-tajers fuq il-vettura bl-akbar numru ta' studs. L-isporġenza massima tal-istuds ma tistax taqbeż it-2.0 mm.

Artikolu 24c Trattur A ma jista' jkollu la tajers bl-istuds u lanqas dawk mingħajr studs. Madankollu, fil-każ ta' roti doppji, wieħed mit-tajers jista' ma jkunx bl-istuds. F'każijiet bħal dawn, it-tajers bl-istuds għandhom ikunu ppożizzjonati b'mod simetriku fir-rigward tal-assi lonġitudinali tal-vettura.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax għall-użu temporanju ta' stepni wara li tajer ikun ġarrab ħsara.

Linji gwida ġenerali

Fil-każ ta' tajers bl-istuds tas-silġ, it-tajers bl-akbar sporġenza għandhom jiġu mmuntati fuq wara.

Artikolu 24d Fil-każ ta' użu temporanju ta' stepni wara li tajer immuntat fuq trattur A jkun ġarrab ħsara, it-tajer fuq l-istepni ma għandux għalfejn ikun tal-istess tip bħat-tajers l-oħra fuq il-vettura. F'dan il-kuntest, "tip" tfisser tajers b'ċinturin, radjali, tas-sajf u tas-silġ.

Artikolu 24e Jekk jintużaw apparati kontra ż-żliq, dawn għandhom ikunu tali li ma jagħmlux ħsara lit-triq.

Artikolu 25 It-tajers bl-istuds immarkati b'ġimgħa tal-manifattura 187 jew aktar tard, jew li ddaħħlu fis-servizz wara l-1 ta' Ottubru 1998, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għal kull tip ta' tajer rispettiv fl-Artikoli 18-25 tar-regolamenti u l-pariri ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2009:19) dwar l-użu ta' tajers eċċ. għal karożżi u trejlers rmunkati minn karożżi.

Jistgħu jintużaw ukoll tajers oħra bl-istuds, dment li jkun hemm prova li t-tkagħbir bl-użu fit-triq ikkawżat mit-tajer bl-istuds fuq il-wiċċ tat-triq ma jkunx akbar minn dak ikkawżat minn tajer bl-istuds li l-istuds tiegħu jissodisfaw ir-rekwiżiti skont l-ewwel paragrafu.

Linji gwida ġenerali

It-tajers bl-istuds b'approvazzjoni tat-tip Finlandiża, jew li jissodisfaw rekwiżiti ekwivalenti, għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti.

1. Dan l-istatut għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2023.
2. It-tajers skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 19 jistgħu jintużaw sat-30 ta' Novembru 2024 fuq il-fusien ta' quddiem tat-tratturi A b'piż totali li jaqbeż 3 500 kg.

3. It-tajers skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 19 jistgħu jintużaw sat-30 ta' Novembru 2024 fuq tratturi A b'piż totali li ma jaqbiżx 3 500 kg u fuq il-fusien motorizzati tat-tratturi A b'piż totali li jaqbeż 3 500 kg, sakemm it-tajers ikunu saru b'mod speċjali għas-sewqan fix-xitwa.

F'isem l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport

JONAS BJELFVENSTAM

Omar Bagdadi
(It-toroq u l-ferroviji)